# Erojka

*Anthony Fenech*

Kien il-jum meta f'xefaq il-baħar
Dehru l-iġfna sewdiena ġgantija
Taħt Dragut li kien ħalef li jeqred
Lil dil-gżira qalbiena Maltija.

Dlonk għall-kmand tal-kbir La Vallette
Il-Maltin ma naqsux jiftħu n-nar
Waqt li t-Torok lejn l-art bdew resqin
Daħlu l-Port u żbarkaw taħt is-swar.

Kavallieri w'Maltin ħalfu mgħaddba
Li mal-Mislem joħorgu rebbieħa
Kollha ssieltu b'kuraġġ imħejjija
Biex din artna qatt taqa' telliefa!

Fit-taqbid tkarrbu l-karba tal-ħniena
Waqt li mħeġġa u bil-fidi mimlija
Ftakru fik resqu lejk o Madonna
F'sebħ il-jum ta' Twelidek Marija!

Mewġ il-baħar iġelben max-xtajta
X'ħin ma demmhom jitħallat dan kien
Tqabdu w'mietu għalina l-imsejkna
Jibqa għemilhom ifakkar kull żmien!

Mal-aħbar l-għadu ċeda jaħrab mar
Lejn ix-xtut dlonk ġrew il-Misilmin
Bnadar kbar dehru jperpru mis-swar
Il-Maltin kienu ħarġu rebbiħin!

Daqq ta' qniepen mill-knejjes instema'
Biex lil Alla jagħtuh l-akbar glorja
Ferħ u għana fil-pjazez u t-toroq
Rebħa kbira li sawwret l-istorja!

Għax it-tmienja ta' Jum xahar Settembru
Għall-Maltin u l-Għawdxin ġrajja kbira
Ta' kull sena l-Eroj tagħna nfakkru
Nagħtu lilhom il-ġieħ u t-tislima!



**"La Vallette"**
**Simbolu tar-Rebħa tal-1565.**
**Xogħol biż-żejt ta' Anthony Fenech.**

**"Min ikun irid xi informazzjoni fuq xi pitturi biż-żejt jista' jċempel lil Anthony Fenech fuq 21 520 661"**